

L-ilmenti u l-argumenti prinċipali tar-rikors imressaq mir-rikorrenti huma identiċi għal dawk invokati mir-rikorrenti fil-kawża T-195/07.

(¹) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32).

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2007 — Cemex Polska vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża T-203/07)

(2007/C 170/76)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Cemex Polska (rappreżentanti: F.Puel u M.Szpunar, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2007 dwar il-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mill-Polonja skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE;
- tordna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tbat i-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2007) 1295, fl-aħħar verżjoni tagħha tas-26 ta' Marzu 2007, dwar il-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, innotifikat mill-Polonja skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE (¹), li permezz tagħha l-Kummissjoni ddeċidiet li ċerti aspetti tal-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' CO₂ għall-perijodu 2008-2012, innotifikat lill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2006, mhumiex konformi ma' l-Artikoli 9(1) u (3), 10 u 13(2) kif ukoll mal-kriterji li jinsabu fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE. Id-Deċiżjoni kkontestata tnaqqas b'26.7 % l-limitu ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju għas-sinjura 2008-2012 meta mqabbel mal-limitu propost mill-Polonja fil-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet innotifikat lill-Kummissjoni.

L-ilmenti u l-argumenti prinċipali tar-rikors imressaq mir-rikorrenti huma identiċi għal dawk invokati mir-rikorrenti fil-kawża T-195/07.

(¹) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, p. 32).

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ġunju 2007 — L-Italja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-204/07)

(2007/C 170/77)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: Paolo Ġentili, Avvocato dello Stato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- li tiġi annullata n-nota tal-Kummissjoni Ewropea Nru 03059, tas-26 ta' Marzu 2007, Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali — Programmi u proġetti f'Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, Malta u l-Olanda, li għandha bħala suġġett POR Sardegna 2000-2006 (Nru CCI 1999 IT 16 IPO 010) — Ħlasijiet mill-Kummissjoni li huma differenti mill-ammont mitlub;
- li tiġi annullata n-nota tal-Kummissjoni Ewropea Nru 04718 ta' l-14 ta' Mejju 2007, Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali — Programmi u proġetti f'Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, Malta u l-Olanda, li għandha bħala suġġett POR Sardegna 2000-2006 (Nru CCI 1999 IT 16 IPO 010) — Ħlasijiet mill-Kummissjoni li huma differenti mill-ammont mitlub;
- kif ukoll li jiġu annullati l-atti kollha li fuqhom huma bbażati l-imsemmija noti u li huma marbuta magħhom, u konsewwentement li l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tiġi ordnata tbat i-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma dawk imressqa fil-kawża T-345/04, Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni (¹).

(¹) ĠU C 262, tat-23.10.2004, p. 55.